



Il-ħin tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja fil-kumpaniji Ewropej

Fuljett informattiv

'Dan l-istħarriġ jipprovdi tagħrif uniku dwar l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol fl-Ewropa. Jagħti stampa rappreżentattiva tal-ħidma fuq il-post tax-xogħol u jqs il-fehmiet kemm tal-manijers kif ukoll tar-rappreżentanti tal-ħaddiema.'

Jorma Karppinen, Direttur, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol



X'INHU l-kuntest?

L-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol u tal-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol huma kwistjonijiet importanti fuq l-aġenda politika ta' l-UE. F'ambjent ekonomiku varjat u li qed jinbidel b'pass mgħaġġel, kemm il-kumpaniji kif ukoll il-ħaddiema jeħtieġu flessibilità. L-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol jista' jkollom impatt sinifikanti fuq l-effiċjenza, il-produttività u l-kompetittività tal-kumpaniji, kif ukoll fuq is-saħħa, il-benesseri u l-motivazzjoni ta' l-impjegati tagħhom. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' aktar xogħolijiet u li jkunu aħjar għal kullħadd kif inhuma stabbiliti fl-Istrateġija ta' Liżbona, il-gvernijiet qed jiġu mħeġġa biex jimplimentaw politika li tkun immirata lejn il-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u tal-familja.

GĦALIEX din ir-riċerka?

F'dan l-isfond, il-Fondazzjoni wettqet stħarriġ dettaljat dwar il-ħinijiet tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja f'aktar minn 21 000 post tax-xogħol Ewropew, bejn il-Ħarifa ta' l-2004 u r-Rebbiegħa ta' l-2005. Il-pajjiżi fejn sar l-istħarriġ jinkludu l-grupp ta' 15-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea (UE15) qabel it-tkabbir u sitta mill-Istati Membri l-ġodda – ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, il-Polonja u l-Islovenja. Ġew intervistati kemm manijers tar-riżorsi umani u – fejn setgħu jkunu disponibbli – rappreżentanti ta' l-impjegati. L-istħarriġ inkluda mistoqsijiet dwar varjetà ta' suġġetti: arranġamenti flessibbli tal-ħinijiet tax-xogħol u kontinuità ta' ħin tax-xogħol, xogħol *part-time*, saħra u ħinijiet tax-xogħol mhux fissi; kif għall-ġenituri u kif ieħor għal żmien twil: irtarir li jseħħ bil-fażijiet u kmieni: kif ukoll linji ta' politika speċifika li jappoġġja l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja.

X'INHUMA s-sejbiet?

Arranġamenti ta' ħinijiet flessibbli

- Arranġamenti ta' ħinijiet tax-xogħol flessibbli jinsabu fis-seħħ kważi f'nofs (48%) il-kumpaniji b'10 impjegati jew aktar fl-Ewropa.
- Proporzjon akbar ta' kumpaniji fis-settur tas-servizzi (50%) milli fl-industrija (43%) jirrapportaw l-eżistenza ta' xi forma ta' flessibilità.
- Iż-żewġ raġunijiet ewlenin msemmija mill-manijers għall-introduzzjoni ta' arranġamenti ta' ħinijiet tax-xogħol flessibbli huma li 'l-ħaddiema jkunu jistgħu jikkombinaw aħjar ix-xogħol u l-ħajja tal-familja (jew personali)' (68%) u 'adattament aħjar tal-ħinijiet tax-xogħol għat-tagħbija ta' xogħol ta' l-istabbiliment' (47%).
- Kemm il-manijers kif ukoll ir-rappreżentanti ta' l-impjegati jirrapportaw illi r-riżultat ewleni ta' ħinijiet tax-xogħol flessibbli huwa s-sodisfazzjon akbar fuq ix-xogħol, segwit mill-adattament aħjar tal-ħinijiet tax-xogħol għat-tagħbija ta' xogħol.

Xogħol *part-time*

- Fil-Ġermanja, il-Latvja, l-Iżvezja, id-Danimarka u – aktar ta' spiss – l-Olanda u r-Renju Unit, insibu proporzjon għoli ta' kumpaniji fejn ix-xogħol *part-time* huwa l-forma ewlenija jew l-unika forma ta' xogħol.
- Hemm differenzi kbar bejn il-pajjiżi fin-numru ta' kumpaniji li joffru impjeg *part-time*: fl-Olanda, kważi disgħa minn kull għaxar stabbiliment jimpjegaw ħaddiema *part-time*, waqt li fil-Grēcja u


fil-Portugall ir-rata hija biss ta' madwar żewġ kumpaniji minn kull għaxra.

- Proporzjon sinifikanti kemm tar-rappreżentanti ta' l-impjegati (41%) u tal-manijers (34%) stqarru illi x-xogħol *part-time* kellu impatt negattiv fuq il-prospetti ta' karriera.

Lif relatat mal-familja

- F'nofs il-kumpaniji li ħadu sehem fl-istħarriġ (51%), ta' mill-inqas impjegat wieħed ħa l-lif tal-ġenituri fit-tliet snin ta' qabel l-intervista.
- Bħala medja, 30% ta' l-istabbilimenti b'esperjenza reċenti ta' lif tal-ġenituri rapportaw illi impjegat raġel wieħed jew aktar ħadu l-lif tal-ġenituri.
- Madwar 22% tal-kumpaniji kollha joffru programmi ta' taħriġ biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni mill-ġdid ta' impjegati li jmorru lura għax-xogħol wara perjodu ta' lif estiż.

Effetti rapportati li jirriżultaw mill-introduzzjoni ta' arranġamenti ta' ħinijiet tax-xogħol flessibbli (%)



Irtitar

- Madwar 37% tal-kumpaniji li ħadu sehem fl-istħarriġ joffru skemi ta' rtitar li jkun jista' jittqassam ġo fażijiet.
- L-irtitar li jittqassam f'fażijiet jinsab aktar f'pajjiżi li għandhom esperjenza wiesgħa ta' impjeg *part-time* milli f'pajjiżi bi ffit esperjenza f'dan it-tip ta' xogħol.
- L-iskemi ta' irtitar kmieni huma aktar komuni minn skemi ta' irtitar li jkun imqassam f'fażijiet. Dan jirriżulta



Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol
Wyattville Road, Loughlinstown, Dublin 18, l-Irlanda
Telefon: (+353 1) 204 21 00 Email: postmaster@eurofound.eu.int
websajt: www.eurofound.eu.int

għax 48% ta' l-istabbilimenti li ħadu sehem fl-istħarriġ irrapportaw li joffru din it-tip ta' skema.

- Ir-rata ta' irtitar kmieni hija partikolarment għolja fis-settur edukattiv (72% ta' l-istabbilimenti), fl-intermedjazzjoni finanzjarja (63%) u fil-kura tas-saħħa (61%).

ISSA x'ser jigr?

Illum, fil-ħajja mgħaġġla, hemm ħafna pressjoni fuq il-ħin tan-nies. Huwa ċar illi l-arranġamenti tal-ħinijiet tax-xogħol iridu jikkunsidraw il-ħtiġijiet individwali sabiex aktar nies jinġibdu lejn il-post tax-xogħol u jibqgħu jżommu l-post tagħhom. L-istħarriġ juri li d-disponibilità ta' arranġamenti ta' ħinijiet tax-xogħol flessibbli għandha impatt pożittiv fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja ta' l-impjegati u għandha wkoll benefiċċji għall-kumpaniji, billi dawn ikunu jistgħu jqabblu l-ħinijiet tax-xogħol max-xogħol li jkollom u dan jista' jwassal għal-livell ta' sodisfazzjoni ogħla fuq ix-xogħol.

Il-Fondazzjoni ser issegwi l-pubblikazzjoni tagħha tar-rapport ewlieni b'serje ta' rapporti dettaljati u analitiċi lejn l-aħħar ta' l-2006, biex jiġu inklużi s-suġġetti li ġejjin: xogħol *part-time*, lif biex wieħed jieħu ħsieb it-tfal, irtitar kmieni/jew imqassam f'fażijiet, siegħat estiżi ta' ħidma, flessibilità fil-kumpaniji, u djalogu soċjali dwar il-ħinijiet tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja.

Metodoloġija ta' l-istħarriġ

- Intervisti bit-telefon f'aktar minn 21,000 post tax-xogħol f'21 Stat Membru ta' l-I-UE.
- Rappreżentant għall-istħarriġ fl-istabbilimenti kollha li għandhom għaxar impjegati jew aktar minn fost is-setturi kollha ta' l-ekonomija.
- Stabbilimenti magħżula bil-polza.
- 21 031 manijer u 5 232 rappreżentant ta' l-impjegati ġew intervistati.
- Fieldwork* ikkoordinat minn TNS Infratest Sozialforschung, il-Ġermanja.

Tagħrif dwar l-istħarriġ Ewropew dwar il-ħinijiet tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja (ESWT) jinsab fuq

<http://www.eurofound.eu.int/areas/worklifebalance/eswt.htm#1>.

Ħidma tal-Fondazzjoni fuq kwistjonijiet relatati

Organizzazzjoni ġdida tal-ħin matul il-ħajja tax-xogħol

<http://www.eurofound.eu.int/publications/htmlfiles/ef0336.htm>

Rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u tal-familja u n-negozjar kollettiv fl-UE

http://www.eurofound.eu.int/other_reports/work_family_life.pdf

Alternattivi tal-ħinijiet tax-xogħol matul il-ħajja: Mudelli ġodda ta' xogħol u strateġiji tal-kumpaniji

<http://www.eurofound.eu.int/publications/htmlfiles/ef05160.htm>

Aktar tagħrif

Camilla Galli da Bino, Information Liaison Officer, at gdb@eurofound.eu.int